MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 1296/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Said Sarreo**

**vs**

**Anthony Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Zammit ta' 54 sena, bin Nazzareno u Helen nee' Briffa, imwieled Melbourne, l-Awstralja nhar il-14 ta' Gunju 1956 u residenti 26, York Flats, Flat 1, Triq Cali, il-Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 519282(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul ix-xahar ta' Frar 2010 gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa ghandu oggett misruq u cioe'

mobile tal-ghamla Nokia 6760 bin-numru EMEI 355203031127898 li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM 1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxieh.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Novembru 2011 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tal-15 ta' Marzu 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22

tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------